**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Gunju 2021**

**<u>Rikors nru: 62/2021 AGV;</u>**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 12 ta' Frar 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit- 30 ta' April 2010 u frott taz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, ED li twieldet fil- 21 ta' Awwissu 2003 u FD li twieled fil- 11 ta' Marzu 2007;
2. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jghixu flimkien bhala koppja mizzzewwga,

ghal dal-ahhar sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u dan barra li ilhom separate de facto mis-sena 2017;

3. Illi llum il-gurnata, il-partijiet huma legalment separati minn xulxin u dan skont l-kuntratt tas-separazzjoni datat l-Erbgha ta' Novembru 2020, in atti tan-Nutar Carmel Gafa'.
4. Illi dal-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kriterji kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.
5. Illi r-rikorrenti ma ghandix izjed provi xi tressaq.

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;**

1. Tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Erbgha 2 ta' Gunju 2021, il-konvenut ma pprezentax risposta ghalkemm notifikat ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella** **Rita Vella Baldacchino**

**Imhallef** **Dep Reg**